**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Pħyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 19 ta` Ġunju, 2018.**

**Talba Nru: 47/2018PA**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Tobias Bulow Schmidt Jasinskis**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-22 ta` Jannar 2018, li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` tlett elef sitt mija u disgħin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,690.77ċ) allegatament dovuta lilha bi prezz ta` servizzi u prodotti provduti minnha lill-konvenut, in konnessjoni ma' telefonija ċellulari bil-kontijiet numri 1.11014144 u 1.11015057, bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament rendikont tal-kontijiet tal-konvenut mas-soċjeta` attriċi minn fejn jirriżulta li l-ħlas reklamat b'din l-azzjoni jirrappreżenta ħlas dovut skont kontijiet maħruġa rispettivament bejn Lulju 2016 u Jannar 2017 (fol.3 sa 4); u affidavit tal-avukat Dr. Jeremy Debono, fil-kwalita` tiegħu ta` rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, li permezz tiegħu kkonferma li l-

konvenut huwa debitur tal-istess soċjeta` attriċi fl-ammont reklamat b'din il-kawża; u li minkejja li interpellatu biex iħallas, dan baqa' inadempjenti (Dok. TBSJ1, fol. 2).

Ra li, minkejja li kien debitament notifikat bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, il-konvenut ma ppreżentax Risposta.

Ra li, fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2018, is-soċjeta` attriċi ppreżentat nota ta` riduzzjoni li permezz tagħha naqqset l-ammont reklamat minnha għal elfejn, sitt mija u disgħin Ewro, sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€2,690.77ċ).

Ra li, fl-istess udjenza, il-konvenut ippreżenta nota ta` ammissjoni tat-Talba.

Ikkunsidra li għalħekk it-Talba tas-soċjeta` attriċi, kif ridotta, tinsab pruvata fuq bilanċ ta` probabiltajiet, bl-ammissjoni tal-konvenut innifsu.

Għaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma mitluba ta` elfejn, sitt mija u disgħin Ewro, sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€2,690.77ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Pħyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**